# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

29.8.2007 B6-0327/2007

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

imressqa minn Martin Schulz, Linda McAvan, Stavros Lambrinidis, Manuel Medina Ortega, Guido Sacconi, Paulo Casaca, Constanze Angela Krehl, María Sornosa Martínez, Stavros Arnaoutakis, Katerina Batzeli, Panagiotis Beglitis, Maria Matsouka, Marilisa Xenogiannakopoulou, Nikolaos Sifunakis, Evangelia Tzampazi u Catherine Anita Neris

f'isem il-Grupp PSE

dwar id-diżastri naturali ta' dan is-sajf u n-nirien straordinarji fil-Greċja

**B6-0327/2007**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-diżastri naturali ta' dan is-sajf u n-nirien straordinarji fil-Greċja**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6 u 174 tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Jannar 2006 dwar ir-riżultat tal-Konferenza ta' Montreal dwar il-bidla fil-klima, tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa, ta' l-14 ta' April 2005 dwar in-nixfa fil-Portugall, tat-12 ta' Mejju 2005 dwar in-nixfa fi Spanja, tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (nirien u għargħar) fl-Ewropa, tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien tal-foresti u l-għargħar, u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar id-diżastri naturali (nirien, nixfa u għargħar) – aspetti agrikulturali, apetti ta' l-iżvilupp reġjonali u aspetti ambjentali (2005/2195(INI), A6-0152/2006, A6-0147/2006 u A6-0149/2006),

– wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) tal-11 ta' Diċembru 1997 u r-ratifika tal-Protokoll ta' Kyoto mill-Komunità fl-4 ta' Marzu 2002,

– wara li kkunsidra r-Regolament "Forest Focus", (Regolament (KE) Nru 2152/2003 tas-17 ta' Novembru 2003),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (2007/162/KE),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Fond Agrikulturi Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u 'l-linji gwida strateġiċi tal-Komunità għall-iżvilupp rurali',

– wara li kkunsidra l-istrument għal rispons mgħaġġel u t-tħejjija għal emerġenzi kbar (COM(2005)0113),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007 dwar it-titjib tal-ħila ta' koordinazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) fil-mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' April 2006 dwar ir-reviżjoni ta' l-imsemmi regolament (A6-0123/2006),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-għan li tkun adottata direttiva dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-għargħar,

– having regard r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2006 dwar l-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli (B6-0335/2006),

– wara li kkunsidra l-punt 12 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Brussell tal-15 u s-16 ta’ Ġunju 2006,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. wara li kkunsidra n-nirien devastanti u l-għargħar vjolenti li kkawżaw imwiet u ħerba fil-kontinent Ewropew kollu, b’mod partikulari fil-Greċja u fir-Renju Unit tul is-sajf 2007, filwaqt li effettwaw Stati Membri ta’ l-UE, xi reġjuni periferali b’mod partikulari il-Martinique u Guadaloupe li ġew effettwati mill-urugan Dean, pajjiżi applikanti u l-ġirien immedjati ta’ l-UE;

B. billi n-nirien fil-Greċja wasslu għal telf bla preċedent ta’ ħajjiet taċ-ċittadini u ta’ ħsarat materjali u ambjentali, kif ukoll il-qerda ta’ parti minn Olympia, sit ta’ patrimonju dinji, siti protetti NATURA, uċuħ tar-raba’, annimali, djar, l-għixien ta’ eluf ta’ individwi, proprjetajiet oħra u wkoll irħula sħaħ; billi dawn il-ġrajjiet jeffettwaw mhux biss lill-ekonomija lokali, l-industrija tat-turiżmu, l-infrastruttura eċċ iżda wkoll b’mod dirett jew indirett qered jew naqqas l-effetti ta' l-implimentazzjoni tal-politiki, proġetti, infrastrutturi jew sforzi ta’ l-iffinanzjar ta' l-UE, u ħoloq problemi kbar għall-għanijiet ta’ l-UE għat-tkabbir u l-koeżjoni;

C. billi, skond l-istatistiċi disponibbli, sa mill-2001 kien hemm tnaqqis drammatiku fl-effetti devastanti tan-nirien tal-foresti fil-Greċja; billi fl-2007 in-nirien tal-foresti fil-Greċja biss irriżultaw fil-ħruq ta 300 000 ettaru, it-telf ta mill-inqas 64 ħajja ta’ bniedem u feriti f’diversi persuni, li jingħad li baqgħu maqtugħin għal sigħat miz-zoni sikuri u mill-għajnuna,

D. jibki t-telf traġiku tal-ħajjiet ta’ għexieren ta’ ċivili, pumpiera, suldati u voluntiera fl-isforzi tagħhom sabiex jikkumbattu lil dawn id-diżastri;

E. wara li kkunsidra l-ħsarat konsiderevoli għad-djar, l-infrastruttura u l-biedja kkawżati mill-għargħar, b’mod partikulari fir-Renju Unit, il-Ġermanja u partijiet oħra ta’ l-Ewropa; jinnota l-għargħar drammatiku li seħħ fir-Renju Unit tul Ġunju u Lulju 2007, li effettwa eluf ta’ negozji, għexieren ta’ eluf ta’ djar u sa miljun persuna, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex taġixxi fil-pront sabiex timmobilizza r-riżorsi ta’ l-UE lejn iz-zoni effettwati;

F. billi l-erja totali ta’ veġetazzjoni u ta’ msaġar affettwata min-nirien fl-Ewropa dan is-sajf hija ta’ aktar minn 500,000 ettaru, u billi l-pajjiżi affettwati l-aktar serjament huma l-Greċja, l-Italja, il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Spanja ( b'mod partikulari l-gżejjer Kanarji), it-Turkija u l-Albanija,

G. billi dawn in-nirien ġew ikkawżati parzjalment min-nixfa u t-temperaturi għolja ta’ dan is-sajf, kif ukoll mill-bidliet soċjo-ekonomiċi u kulturali li seħħew f’dawn l-aħħar deċennji fiz-zoni rurali: l-abbandun ta’ l-inħawi rurali minħabba n-nuqqas ta’ opportunitajiet ekonomiċi, manutenzjoni inadegwata tal-foresti, żrigħ ta’ varjetajiet ta’ siġar mhux xierqa u persentaġġ konsiderevoli ta’ attività kriminali;

H. billi l-Aġenzija Ambjentali Ewropea (EEA) bassret li n-nofsinhar ta’ l-Ewropa ser jgħaddi minn stress akbar ta’ nixfa, nirien tal-foresti aktar frekwenti u aktar stress ta' sħana,

filwaqt li t-tramuntana ta' l-Ewropa ser ikollha aktar preċipitazzjoni, u l-parti l-kbira tar-reġjuni ta' l-Ewropa ser jesperjenzaw żieda fid-daqs u l-frekwenza ta' l-għargħar bħala riżultat tal-bidla fil-klima,

I. billi l-mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili kien attivat tnax-il darba għall-istess tip ta' emerġenza f'perjodu ta' xahrejn, u billi sebgħa minn dawn l-attivazzjonijiet saru fl-istess ħin; billi l-għajnuna ta' l-Istati Membri ma kinitx biżżejjed biex tiżgura reazzjoni ħafifa u xierqa ta' protezzjoni ċivili f'dawk l-emerġenzi kollha,

J. wara li kkunsidra l-konsegwenzi dannużi ekonomiċi u soċjali tad-diżastri naturali għall-ekonomiji reġjonali, l-attività produttiva u t-turiżmu,

K. billi dawn in-nirien jirrappreżentaw problema rikorrenti u komuni fin-nofsinhar kollu ta' l-Ewropa; billi dan ir-reġjun sar iz-zona ewlenija ta' riskju fi ħdan l-Unjoni minħabba li huwa suġġett għal karatteristiċi klimatiċi speċjali u li 70% ta' l-art effettwata hija l-proprjetà privata ta' individwi li jridu jieħdu l-miżuri ta' prevenzjoni weħidhom;

L. billi l-Presidenzi tal-Kunsill naqsu milli jaslu għal deċiżjoni dwar ir-Regolament dwar il-Fond ta' Solidarjetà l-ġdid, u billi l-PE adotta l-pożizzjoni tiegħu sa minn Mejju 2006,

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-qraba mġarrba ta' dawn li tilfu ħajjithom, kif ukoll l-abitanti ta' l-inħawi li ġarrbu ħsarat; jirringrazzja li dawk kollha – professjonisti, voluntiera u awtoritajiet lokali - li pparteċipaw sabiex tfew in-nirien u salvaw il-vittmi ta' l-għargħar;

2. Jilqa' b'mod pożittiv ir-reazzjoni f'waqtha ta' l-awtoritajiet f'uħud mill-Istati Membri konċernati; jitlob għal titjib fis-solidarjetà murija mill-Unjoni Ewropea u l-Istati membri tagħha mar-reġjuni effettwati; jesprimi r-ringrazzjament tiegħu għall-għajnuna mogħtija lill-awtoritajiet u s-servizzi ta' salvataġġ tagħhom;

3. Jesprimi t-tħassib tiegħu għan-numru dejjem akbar ta' diżastri naturali li skond l-esperti, jistgħu jiġu attribwiti l-aktar għall-bidla fil-klima, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu inizjattivi li jiggarantixxu li l-impenni ta' Kyoto jiġu onorati u segwiti;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex b'mod urġenti jimmodifika r-regoli tal-Fondi ta' Solidarjetà skond ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2006, u lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-kriterji l-ġodda għall-inħawi effettwati;

5. Jitlob lill-Kummissjoni għall-mobilizzazzjoni rapida tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiġi applikat bi flessibilità, malli l-pajjiżi effettwati jkunu preżentaw it-talbiet tagħhom għall-għajnuna, bil-għan li jgħinu lill-popolazzjoni konċernata li b'ħeffa timmaniġġja l-konsegwenzi tan-nirien u l-għargħar;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti tal-Kummissjoni għal titjib fil-kapaċità ta' l-UE ta' rispons rapidu għad-diżastri;

7. Filwaqt li jenfasizza li r-responsabilità primarja għall-prevenzjoni u t-tifi tan-nirien hija ta' l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-azzjoni neċessarja għall-ħolqien ta' forza ta' reazzjoni Ewropea indipendenti u permanenti sabiex

tgħin lill-Istati Membri tagħha u lir-reġjuni effettwati waqt nirien estremi tal-foresti u diżastri oħra, filwaqt li jipprovdu l-aħjar tagħmir u għarfien tekniku; jinnota f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistudja l-possibilitajiet li jkollha aċċess għal kapaċità kumplimentarja sabiex tiżgura rispons rapidu għal emerġenzi kbar li jista' jkun disponibbli minn sorsi ohra inkluzi rizorsi privati;

8. Jirrikonoxxi li l-esperjenza ta' din is-sena tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità Komunitarja għall-protezzjoni ċivili, il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons fir-rigward tan-nirien fil-foresti u nirien oħra f'zoni mhux ikkultivati, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu inizjattiva f'dan ir-rigward;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora koperazzjoni potenzjali bejn il-pajjiżi ġirien ta' l-UE u pajjiżi terzi oħra biex jintfew in-nirien diżastrużi u jiġi skambjati l-aħjar prattiki u/jew kapaċitajiet waqt ix-xhur prekarji tas-sajf sabiex ikunu mħejjija aħjar għall-istaġun tan-nirien fil-foresti ta' l-2008;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tieħu l-inizjattivi neċessarji sabiex tiżgura li l-fondi disponibbli kollha inklużi l-fondi strutturali Ewropej, il-fondi provduti għall-agrikoltura u politiki oħra ta' l-UE u l-Fond ta' Solidarjetà attwali ta' l-UE jiġu applikati b'mod immedjat u effiċjenti, filwaqt li jiġu evitati proċeduri li jaħlu l-ħin jew ostakoli amministrattivi, filwaqt li wieħed iżomm ġo moħħu li l-ewwel prijorità hi li kwalunkwe riżorsi Ewropej ikunu disponibbli għaċ-ċittadini u r-reġjuni li qed isofru. Jisħaq, barra minn hekk, li l-Fondi disponibbli tal-komunità għall-iffaċjar ta' diżastri naturali għandhom ikunu assorbiti b'mod sempliċi u effiċjenti;

11. Jenfasizza l-fatt li n-nirien tal-foresti ta' din is-sena fil-Greċja rriżultaw ukoll fil-ħruq parzjali tass-it arkeoloġiku ta' Olympia, il-post fejn twieled il-Logħob Olimpiku, u kkawża ħsarat fl-Akkademja Olimpika Internazzjonali; jitlob, għaldaqstant, għar-restawr immedjat tad-danni, bil-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

12. Iqis li ż-żieda fin-nirien hija riżultat ta' fattur lil hinn mill-bidla fil-klima, u li taħlita ta' kawżi naturali u attività umana relatati mad-definizzjoni ta' zoni ta' foresta, kultivazzjoni jew bini jista' jkollhom effett deċiżiv sabiex jiżdied in-numru ta' nirien kriminali. Jitlob b'mod urġenti, għaldaqstant, għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni stretta mill-Istati Membri ta' leġiżlazzjoni li tipproteġi l-foresti u ekosistemi oħra, filwaqt li tiġi evitata l-kummerċjalizzazzjoni ta' l-art tal-foresta u l-bidla fl-użu u jordnaw il-monitoraġġ effiċjenti ta' dan it-tip ta' leġiżlazzjoni bħala diżinċentiv effettiv għall-attività kriminali. Jitlob li l-ħiliet kollha disponibbli ta' l-UE, inklużi s-sistemi satellitari, jintużaw għal dan il-għan;

13. Jenfasizza l-fatt li l-inċendjaturi, b'mod speċjali dawk li jgawdu mill-bini mill-ġdid jew mill-art tal-foresta, jaf jiġu inkoraġġiti minn liġijiet li ma jiddefinixxux jew jipproteġu b'mod strett lil dan it-tip ta' art, u/jew mill-applikazzjoni inadegwata ta' liġijiet li jipprojbixxu l-bini illegali. Iħeġġeġ għaldaqstant lill-Istati Membri sabiex jiddikjaraw u jimplimentaw ir-riforestazzjoni ta' l-inħawi kollha maħruqa u l-protezzjoni ta' l-ambjent naturali;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jaħdmu f'koordinazzjoni aktar mill-qrib fuq miżuri ta' protezzjoni ċivili fil-każ ta' diżastri naturali, bil-għan li jiġi evitat u

minimizzat l-impatt devastanti tagħhom, filwaqt li jallokaw ir-riżorsi meħtieġa għat-twissija immedjata, il-koordinazzjoni u li jkunu magħmula disponibbli ir-riżorsi loġistiċi;

15. Jitlob għal użu aħjar tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi eżistenti, u titjib xjentifiku fil-prevenzjoni tad-diżastri u sabiex jittaffew il-konsegwenzi tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli tikkollabora ma' l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżviluppa politiki li jimminimizzaw l-impatt ambjentali tan-nirien; jitlob għal politika ta' riforestazzjoni bbażata fuq ir-rispett tal-karatteristiċi bijo-klimatiċi u ambjentali, bl-użu ta' varjetajeit li jirreżistu aħjar lin-nirien u n-nixfa u li jadattaw aħjar għall-kima;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li tinġabar u tiġi reġistrata dejta dwar ir-riżorsi naturali ta' kull Stat Membru permezz tal-ħolqien ta' "Kontijiet Ħodor Nazzjonali" fil-forma ta' bażi ta' dejta miftuħa għaċ-ċittadini kollha;

18. Jiddeplora l-fatt li f'numru ta' każijiet, il-miżuri ta' prevenzjoni u tat-tifi tan-nirien tal-gvernijiet nazzjonali b'mod ċar naqsu milli jnaqqsu l-effetti devastanti tan-nirien, u jagħti ġieħ lill-isforzi individwali erojċi ta' ċittadini privati u voluntiera li għenu sabiex jitfu n-nirien u jsalvaw il-ħajjiet.

19. Jisħaq dwar il-ħtieġa, fil-każ ta' diżastri naturali, li tingħata attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilitajiet fl-azzjoniiet kollha meħuda mill-Mekkaniżmi ta' Protezzjoni Ċivili;

20. Iħoss sogħba kbira għall-fatt li seħħet qerda daqstant kbira waqt in-nirien tal-Greċja; iqis li jeħtieġ b'konsegwenza li ssir eżaminazzjoni immedjata ta' l-adegwatezza tal-miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija sabiex jiġi żgurat li jittieħdu l-lezzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu evitati u limitati l-effetti devastanti ta' diżastri simili fl-Istati Membri ta' l-UE fil-ġejjieni; F'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex titlob lill-Istati Membri il-programmi operattivi li jeżistu sabiex jiffaċċjaw id-diżastri naturali, bil-għan li jinqasmu l-esperjenzi u jsiru konklużjonijiet dwar miżuri immedjati, il-koordinazzjoni ta' entitajiet amministrattivi u operattivi u d-disponibilità tar-riżorsi umani u materjali meħtieġa;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex toħloq programm ta' skambji ta' esperjenzi dwar l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-kontroll u s-segwitu tar-riskji u l-effetti tan-nirien tal-foresti, u sabiex tħejji proċedura ta' awtorizzazzjoni Ewropea għal persunal tekniku kwalifikat, sabiex itejjeb it-taħriġ tiegħu;

22. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-għan tar-regolament "Forest Focus" dwar il-prevenzjoni ma nkisbux; sa minn meta daħal fis-seħħ, in-numru ta' nirien u l-medda ta' art li nħarqet żdiedu minflok naqsu;

23. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw li l-inħawi kollha maħruqa tal-foresta ikomplu jinżammu bħala foresti u jkunu koperti minn programmi ta' riforestazzjoni, u li jippjanaw politiki estiżi ta' rikostruzzjoni għat-turiżmu u għall-ekonomija lokali effettwata mingħajr dewmien;

24. Jiddeċiedi li jibgħat delegazzjoni tal-Parlament Ewropew il-Ġreċja sabiex tesprimi s-solidarjetà tagħha lill-popolazzjoni, sabiex tosserva l-livell tal-qerda u teżamina l-ammont

ta' ħsarat fi proġetti finanzjati mill-UE, f'attivitajiet ekonomiċi oħra bħall-agrikultura u t-turiżmu, in-netwerks soċjali, f'zoni protetti NATURA u ekosistemi fraġili u li tiġbed konklużjonijiet għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar aħjar ta' sitwazzjonijiet estremi simili fl-UE fil-futur;

25. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha sabiex jagħmlu lis-soċjetà konxja tal-valur tal-foresti tagħha u r-riżorsi tagħhom u l-benefiċċji tal-konservazzjoni tagħhom, filwaqt li jippromwovu l-implikazzjoni tas-soċjetà ċivili permezz tal-voluntarjat organizzat jew metodi oħra, bħall-assoċjazzjonijiet għad-difiża u l-protezzjoni tal-foresti u l-ispazji naturali;

26. Iħoss li huma ta' dispjaċir ir-rapporti fil-midja internazzjonali, ibbażati fuq xnihat mhux sostanzjati, dwar l-allegati kawżi tan-nirien tal-foresta fil-Greċja, għax b'mod inġust ikomplu jżidu fuq l-effetti devastanti tan-nirien u jeffettwaw b'mod eċċessiv lill-ekonomija tal-pajjiż; jinsisti li kwalunkwe konklużjonijiet dwar il-kawżi tan-nirien fil-Greċja u f'postijiet oħra jridu jkunu bbażati fuq il-fatti u fuq investigazzjonijiet bir-reqqa u li l-kriminali, jekk hemm kriminali, għandhom jiġu mressqa l-qorti u kkastigati skond il-liġi.

27. Jitlob lill-Istati membri sabiex isaħħu s-sanzjonijiet penali għal atti kriminali li jagħmlu ħsara lill-ambjent, u b'mod partikulari, għal dawk li jikkawżaw in-nirien tal-foresti, u biex titjib il-koordinazzjoni, mhux biss fi ħdan is-servizzi tat-tifi tan-nar iżda wkoll fi ħdan l-istituzzjonijiet kollha li jaħdmu fuq il-kawżi u l-konsegwenzi tan-nirien, u l-identifikazzjoni u t-tressiq fil-qorti ta' dawk responsabbli; jenfasizza li investigazzjoni fil-pront u effettiva li tiddermina r-responsabilitajiet, segwita minn azzjoni dixxiplinarja xierqa, tiskoraġġixxi aġir negliġenti jew deliberat;

28. Iqis li għandha tiġi promossa u appoġġjata Azzjoni Volontarja ta' Protezzjoni Ċivili mingħajr dewmien, b'attivitajiet ta' taħriġ bażiku u b'tagħmir li jista' juża teknoloġiji avvanzati, billi dan huwa wieħed mis-sorsi ewlenin disponibbli għall-Istati Membri meta jitrattaw stati ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri naturali;

29. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u lill-parlamenti ta' l-UE u l-pajjiżi applikanti konċernati.